V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10676 - NEXT / WP / PINK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 151/11)

1. Fil-25 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Next Holdings Limited, sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Next plc ("Next", ir-Renju Unit),

— Warburg Pincus LLC ("WP", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Pink Topco Limited ("Pink", Jersey), ikkontrollata minn WP.

Next u WP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Pink, li bħalissa hija kkontrollata esklużivament minn WP.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Next hija bejjiegħ bl-imnut ibbażata fir-Renju Unit li tbigħ ħwejjeġ tal-irġiel, ħwejjeġ tan-nisa, ħwejjeġ tat-tfal, ilbies ta' taħt, żraben, affarijiet tad-dar u għamara, rigali u fjuri, kollha tad-ditta Next u kemm fil-ħwienet u kemm online; inkluż fiż-ŻEE,

— WP hija ditta ta' ekwità privata globali bi sjieda ta' membru fl-Istati Uniti tal-Amerka, li l-investimenti tagħha huma ffukati fuq firxa ta' setturi fl-Amerka ta' Fuq, fl-Ewropa u fl-Asja, inkluż l-industrija, l-enerġija, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa u t-teknoloġija, il-media u t-telekomunikazzjonijiet, u l-prodotti tal-konsumatur, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' lbies u żraben,

— Pink hija l-proprjetarja tad-ditta Reiss, li hija attiva fil-bejgħ ta' ħwejjeġ tal-irġiel, ħwejjeġ tan-nisa, żraben u aċċessorji, kollha tad-ditta Reiss, kemm fil-ħwienet u kemm online, inkluż fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10676 – NEXT / WP / PINK

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË